**15 ta' Frar, 1965**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Francis Vella

*versus*

John DeBono

**Kap ta l-ispejjeż — Min għandu jbagħti l-ispejjeż — Art. 221 Kod. Proċedura.**

*Hemm tassew każijiet li fihom ma tkunx tingħamel ġustizzja mal parti proċeduralment sokkombenti jekk ma tiġix meħlusa għal kollox mill-ispejjeż.*

*Il-Pratika u l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fl-applikazzjoni u interpretazzjoni ta' l-Art. 221 Kod. ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili, ma jidhrux li kkunsidraw dawk ir-regoli bħala normi ta' dritt talment tassativi w inflessibili li ma jippermettux f'ċerti każijiet illi l-parti proċeduralment vinċitriċi teħel l-ispejjeż kollha.*

*Każijiet li fihom l-parti vinċitriċi weħlet l-ispejjeż kollha.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — billi l-konvenut fetaħ żewġt itwieqi fl-ewwel u fit-tieni

pjan tal-bini tiegħu, Block A, St. Paul's Flats, St. Vincent Street, Hamrun f'distanza mhux legali mill-fond adjaċenti ta' l-attur "St. Mathew House", St. Vincent *Street, Hamrun, u billi l-konvenut avvolja nterpellat, ma jridx* jottempera ruħu mal-liġi — talab li (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenut fetah iż-żewġt itwieqi fil-fond fuq riferit mhux fid-distanza legali mill-fond adjaċenti tal-attur u (2) li l-konvenut ikun kundannat fiż-żmien li jiġi lilu prefiss mill-Qorti li jagħmel kull *ma huwa meħtieġ a spejjeż tiegħu biex l-imsemmija twieqi jiġu mqegħda fid-distanza legali mill-ħajt divisorju eżistenti bejn il-fondijiet* tal-kontendenti fuq imsemmija; (3) u fin-nuqqas il-konvenut ikun kundannat, fi żmien qasir u perentorju, jagħlaq l-imsemmija żewġt itwieqi taħt il-komminazzjonijiet kollha tal-liġi. Bl-ispejjeż.

Rat *in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn qal* (1) li hu mhuwiex proprjetarju *tad-dar in kwistjoni*, u mingħajr preġudizzju tal-premess, (2) li t-twieqi in kwistjoni mhumiex kontra l-liġi, u (3) illi t-tielet domanda hija ntempestiva.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-disgħa u għoxrin ta' Ottubru, 1964 li biha laqgħet l-*ewwel eċċezzjoni* tal-konvenut u *ddikjarat li hu* m'huwiex *il-leġittimu kontraddittur* f'din il-kawża dwar l-ewwel domanda u għalhekk irrispinġiet dik id-domanda in kwantu rivolta kontra l-konvenut, riservat kull dritt ta' l-attur kontra persuni oħra "si et quatenus". In vista ta' din id-deċiżjoni l-Qorti asteniet milli tieħu konjizjoni tad-domandi l-oħra. L-ispejjeż għarraġunijiet imsemmija fil-korp tas-sentenza jibqgħu bla taxxa li, jingħad għal-kjarezza, ifisser li d-dritt tar-Reġistru għandu jħallsu *l-vinċitur*, wara *li kkunsidrat*:—

OMISSIS . . .

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu fejn talab li tiġi riformata billi tiġi konfermata in kwantu akkollat lill-appellat l-ispejjeż kollha tiegħu nkluż id-dritt tar-Reġistru u tiġi revokata in kwantu akkolat lilu stess l-ispejjeż tiegħu billi l-appellat jiġi kundannat għall-ispejjeż kollha tal-kawża, bl-ispejjeż ukoll ta' l-appell.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi, għar-raġunijiet hemm esposti, l-appell ta' l-attur għandu jiġi miċħud.

Rat l-atti kollha tal-kawża semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Biċ-ċitazzjoni l-appellant, wara li ppremetta illi l-appellat kien fetaħ żewġ twieqi fil-fond tiegħu mhux fid-distanza legali mill-fond adjaċenti ta' l-istess appellant, talab (1) li jiġi dikjarat illi l-appellat fetaħ dawk it-twieqi mhux fid-distanza legali; (2) li l-appellat jiġi kkundannat biex fiż-żmien li tistabbilixxi l-Qorti jagħmel dak li kien meħtieġ biex tiġi osservata d-distanza legali; u (3) fin-nuqqas biex l-istess appellat ikun ikkundannat, fiż-żmien li tistabbilixxi l-Qorti, jagħlaq l-imsemmija twieqi taħt il-komminazzjonijiet kollha tal-liġi.

L-appellat eċċepixxa kontra dawk id-domandi, l-ewwel, li hu ma kienx proprjetarju tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u, mbagħad, mingħajr preġudizzju, illi (a) it-twieqi ma kienux kontra l-liġi; u (b) illi t-tielet domanda kienet dejjem intempestiva.

Gara illi, fil-kors tal-kawża in prim' istanza, it-twieqi ġew nofshom magħluqa b'mod illi d-distanza sal-ħajt divisorju saret żewġ piedi u nofs — kif xehed l-appellat qud-

diem din il-Qorti. Kien għalhekk illi l-appellant quddiem l-ewwel Qorti, fil-verbal tas-sebgħa u għoxrin ta' Mejju, 1964 iddikjara, permezz ta' l-Avukat tiegħu, illi hu kien ġeddisfatt bl-istat tat-twieqi fl-istat li allura kienu, waqt li rriserva kull azzjoni għal kull eventwali kontravvenzjoni oħra.

B'dik id-dikjarazzjoni, il-meritu tat-talbiet ta' l-appellant ġie eżawrit iżda l-appellant ma ċedix dak il-meritu, b'mod illi d-deċiżżjoni tal-kawża kienet tiġi limitata għall-ispejjeż, meħuda konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjoni ritwali ta' l-appellat.

Bis-sentenza appellata ġie misjub bħala fatt illi l-appellat ma kienx il-proprjetarju tal-fond fejn kien hemm it-twieqi in kwistjoni u li, kwindi, hu ma kienx il-kontradittur leġittimu. Għalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-appellat f'dak is-sens rigward l-ewwel domanda u, in vista ta' dan asteniet ruħha milli tieħu konjizzjoni tad-domanda l-oħra, u ordnat li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bid-dritt tar-Reġistru għall-appellat.

L-ilment ta' l-appellant huwa l-ispejjeż kollha messhom ġew imwaħħlin lill-appellat. Ġa la darba l-ewwel Qorti, sabet bħala fatt illi kien l-istess appellat illi ġagħalu jaħseb illi hu kien il-proprjetarju tal-fond, hu ma kellu ebda tort li istitwixxa l-kawża kontra tiegħu. Dik il-Qorti rriteniet illi l-grad ta' kolpevolezza ta' l-appellat kien komplet u kien jeskludi kwalunkwe negliġenza fl-appellant fl-istituzzjoni tal-kawża. F'dawn iċ-ċirkostanzi — jgħid l-appellant — hu ngust illi hu jbati l-ispejjeż tiegħu.

L-ewwel Onorabbli Qorti tidher li xtaqet kieku set-

għet takkolħa l-ispejjeż interament lill-appellat: iżda rriteniet illi dan ma setgħatx tagħmlu in vista ta' l-artikolu 221 (1) u (3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Fil-fehma ta' l-appellant ir-raġonament ta' l-ewwel Qorti mhux korrett, għaliex dak l-artikolu jenunċja wieħed biss mill-kriterji li għandhom jiggwidaw lill-ġudikant fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż ċioe il-kriterju tas-sokkombenza: iżda barra minn dan il-kriterju hemm kriterji oħra applikabbli bħal ma huma dawk tal-kolpa u ta' l-interess li huma bażati fuq il-prinċipji fondamentali tad-dritt u għandhom jipprevalixxu anki fuq il-kriterju limitat tas-sokkombenza enunċjat fl-imsemmi art. 221.

Din il-Qorti hi fortement impressjonata bir-raġonamenti ta' prinċipju magħmulin fil-petizzjoni elaborata ta' l-appellant u li ġew dottament żviluppati fit-trattazzjoni orali mill-għaref Avukat tiegħu. Difatti huwa veru, fil-fehma tal-Qorti, illi jingħataw każijiet meta l-eżiġenzi tal-ġustizzja ma jiġux soddisfatti billi l-parti proċeduralment vinċitriċi teħel l-ispejjeż tagħha biss. Fi kliem ieħor, hemm tassew każijiet li fihom ma tkunx tingħamal ġustizzja mal-parti proċeduralment sokkombenti jekk ma tiġix, b'dana kollu, meħlusa għal kollox mill-ispejjeż.

L-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi l-liġi tagħna hi ċara fis-sens illi l-art. 221 (1) u (3) jenunċja żewġ regoli ċioe li (1) il-parti sokkombenti għandha tkun ikkundannata fl-ispejjeż; u (2) jekk ikun hemm motivi ġusti l-ispejjeż jistgħu jiġu għal kollox jew in parti kompensati (i.e. mingħajr taxxa jew ripartiti f'xi proporzjon oħra). Dawn ir-regoli, żiedet tgħid dik il-Qorti, fuq l-awtorita ta' Mattirolo, huma normi ta' dritt li għalihom l-Imħallfin iridu juniformaw ruħhom. b'mod li — fil-kliem ta' dak l-awtur

— m'hemmx dubju illi tkun tivvjola l-liġi u jkollha tiġi annullata sentenza li tqiegħed l-ispejjeż kollha a kariku esklusivament tal-vinċitur.

Iżda, għad illi, ir-regoli ġenerali u uswali, huma indubbjament dawk *imsemmija mill-ewwel Onorabbli Qorti, il*-prattika u l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, fl-applikazzjoni u interpretazzjoni ta' l-imsemmijin disposizzjonijiet tal-liġi tagħna, ma jidhrux illi kkunsidraw dawk ir-regoli bħala normi ta' dritt talment tassattivi w inflessibbili illi ma jippermettux f'ċerti każijiet illi l-parti proċeduralment vinċitriċi teħel l-ispejjeż kollha.

Fis-sentenza "Huber vs. Sullivan" (Vol. XXVI, I, 173) din il-Qorti rrikonoxxiet illi r-regola tal-liġi tagħna hija ċertament illi s-sokkombent għandu jbati l-ispejjeż u illi l-Qorti, meta timmodera l-ispejjeż tal-kawża ma tistax tmur oltre l-limiti li tordna illi l-ispejjeż ma jkunux taxxati bejn il-partijiet: iżda għamlet ukoll riżerva għal "eċċezzjonijiet speċjalissimi" (li f'dak il-każ partikolari ma kienux jirrikorru). Dak li ntqal f'dik is-sentenza, bl-imsemmija riserva għall-"eċċezzjonijiet speċjalissimi", ġie ċitat, kif jidher b'approvazzjoni, fis-sentenza l-oħra ta' din il-Qorti in re "Cassar vs. Debono" (Vol. XXXIX, I, 342) u -oħra "Zammit vs Zammit" (9.11.64).

Din ir-riserva tidher li tkopri żgur per eżempju, dawk il-każijiet, mhux rari ħafna fil-prattika, meta l-proċeduri ġudizzjarji jsiru fl-interess esklusiv ta' l-attur, fejn il-konvenut ma jkollu verament ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tkun verament formali. Eżempji ta' sentenzi ta' din ix-xorta huma dawk, ċitati mill-appellant fin-nota tiegħu ċioe *Vol. XX, P. II, pp. 377,* **401, 414** u *Vol. XXXIII, II,* 55 u sentenzi oħra ċitati fihom. Ara wkoll Vol. XXIV, I, 235.

Eżempji oħra huma dawk ta' korrezzjonijiet ta' atti ta' l-istat ċivili meta, bħala regola, l-ispejjeż jiġu kollha akkolìati lill-attur għad illi t-talbiet tiegħu jiġu akkolti.

Jekk dana hu sewwa skond il-ġustizzja — kif il-Qorti jidhrilha li hu —, ċioe li l-attur jħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża għad illi hu jkun "vinċitur", meta l-kawża tkun, f'ċerti każijiet, saret fl-interess esklusiv tiegħu, u dana bħala "eċċezzjoni speċjalissima" għar-regola ġenerali ta' l-imsemmi art. 221 — il-Qorti taħseb li għal raġunijiet ugwali, jekk mhux aqwa, ta' ġustizzja, l-attur jista f'każijiet speċjali jew speċjalissimi jiġi eżonerat minn kull spejjeż u dawn jeħelhom kollha l-konvenut meta l-attur jkun ġie indott jistitwixxi l-proċeduri kontra l-konvenut minħabba l-kolpa jew malizzja ta' dana.

Kien hemm każ fejn il-konvenut, kien, waqt ix-xiri ta' karrozza mingħand l-attur, ikkwalifika ruħu bħala kummerċjant u qal illi l-karrozza kien ser jixtriha għall-bżonnijiet tan-negozzju tiegħu. Meta ma ħallasx u l-attur azzjonah quddiem il-Qorti tal-Kummerċ il-konvenut eċċepixxa l-inkompetenza tal-Qorti fuq il-motiv illi hu ma kienx kummerċjant u li l-operazzjoni kienet għalih purament ċivili, u peress illi dan tassew ġie pruvat il-Qorti kellha tiddikjara ruħha nkompetenti. Jidher illi f każ ta' din ix-xorta, il-konvenut, għad illi l-eċċezzjoni tiegħu tiġi milqugħa u f'dan is-sens ikun "vinċitur", għandu b'dana kollu jeħel l-ispejjeż kollha tal-inċident, u ma jidherx illi l-ġustizzja tkun soddisfatta bis-sempliċi ordni li hu jbati l-ispejjeż tiegħu biss.

L-istess ħaġa l-Qorti kienet tħoss li kien ikun sewwa li jiġi ordnat fil-każ preżenti, kieku ma kienx għar-raġunijiet l-oħra li ser jissemmew. Kif qalet l-ewwel Onorabbli Qorti kien l-istess appellat illi ġiegħel positivament lill-ap-

pellant li jifhem illi hu kien il-proprjetarju tal-fond in kwistjoni. Saħansitra l-appellat kien anki aġixxa kontra l-appellant f'dik il-kwalita. Intant meta l-appellant iċċita lilu — kif fiċ-ċirkostanzi kien jagħmel kwalunkwe bniedem ieħor raġjonevolment prudenti — f'din il-kawża, l-appellat laqgħu l-eċċezzjoni illi ma kienx il-proprjetarju.

Fil-każ preżenti, pero, hemm — kif ġa ġie aċċennat — ċerti raġunijiet oħra li minħabba fihom il-Qorti taħseb illi r-regolament ta' l-ispejjeż kif ordnat mill-ewwel Onorabbli Qorti mhux verament inġust. L-ewwelnett meta (għad li wara li nbdiet il-kawża) id-difetti, fit-twieqi li minnhom kien qiegħed jilmenta l-appellant, ġew rimedjati, l-ispejjeż tal-kawża setgħu ġew imnaqqsa kieku l-appellant ċeda l-meritu kollu tat-tlett domandi u rriżerva biss id-deċiżżjoni fuq l-ispejjeż u s'intendi d-deċiżżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari ta' l-appellat in kwantu rilevanti għall-kap ta' l-ispejjeż.

Fit-tieni lok il-Qorti taqbel ma l-appellat illi t-tielet domanda taċ-ċitazjoni kienet għal kollox prematura u inutili. Bit-tieni domanda hu kien ġa talab li l-appellat jiġi kkundannat li jagħmel "kull ma hu meħtieġ" biex it-twieqi jiġu mqegħda fid-distanza legali. Kif wera l-fatt sussegwenti dan kien jimporta biss illi jingħalaq nofs it-twieqi: tant hu hekk illi, malli dan sar, l-appellant iddikjara ruħu soddisfatt. Ma kien hemm ebda raġuni u ebda bżonn għaliex l-appellant kellu jassumi illi l-appellat eventwalment ma jottemperax ruħu mal-kundanna 'ex hypothesi' mogħtija skond it-tieni domanda, u f'din il-kawża stess jitlob il-kundanna li t-twieqi "jingħalqu" jekk tiġri dik l-eventwalita. Dan hu każ divers minn dawk li fihom li attur jitlob biex il-konvenut jiġi kkundannat jagħmel xi ħaġa *fiż-żmien li tiffissalu* l-Qorti u subordinatament, jitlob li hu stess (ċioe l-attur) jiġi awtorizzat li jagħmel dik il-ħaġa jekk il-konve-

nut jonqos li jagħmilha. Fil-każ preżenti l-appellant kien sostanzjalment qed jitlob żewġ kundanni għall-istess ħaġa. Forsi anki l-ewwel domanda kienet inutili għaliex id-dikjarazzjoni li talab fiha kienet tikkostitwixxi l-**kawżali** tat-tieni talba u kienet inxindibilment marbuta ma l-eżami tagħha bħala meritu.

Għalhekk hu ġust, fil-fehma tal-Qorti, li l-appellant kellu jbati parti mill-ispejjeż ta' prim'istanza: u r-regolament magħmul *mill-ewwel Qorti ma hux eċċessiv, in vista anki* tal-fatt illi d-dritt tar-Reġistru ġie akkollat kollu lill-appellat.

F'dan is-sens l-appell ma' jistħoqqlux li jġi milqugħ.

Għal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tiddeċied billi tċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' l-appell in vista taċ-ċirkostanzi kif fuq esposti jibqgħu wkoll bla taxxa bid-dritt tar-Reġistru binnofs.